MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 424/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Twanny Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Twanny Grima talli:

(1) nhar l-ewwel ta’ Ottubru 2010 ghall-habta tas-siegha ta’ filghodu u fil- gimghat ta’ qabel din id-data f’Paceville, San Giljan u f’diversi postijiet ohra f’dawn il-Gzejjer Maltin, kiser il-liberta` provizjorja billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, Magistrat Dr. A.M. Trigona LL.D. fid-digriet tieghu

datat 17 ta' Gunju 2010 li bih l-imsemmi Twanny Grima m'ghandux johrog mid-dar tar-residenza tieghu bejn l-ghaxra ta' filghaxija (10.00 p.m.) u s-sebgha ta' filghodu (7.00 a.m.);

(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-*probation* taht l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati f'Malta fit-2 ta' Ottubru 2009;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-4 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 579, 261(f)(d)(e), 268, 270, 269, 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikou 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Twanny Grima hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, ikkundannatu ghal perijodu ta' ghaxar (10) xhur prigunerija, u ordnat ir-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest tas-17 ta' Gunju 2010 u r-riarrest ta' l-istess Twanny Grima;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Twanny Grima pprezentat fit-13 ta' Ottubru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata li biha gie ddikjarat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u minflok tilliberah minn kwalunkwe htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu li l-ewwel Qorti ma messhiex sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih fuq il-provi prodotti. L-appellant jghid illi l-gudizzju moghti fuq il-bazi tad-Dok. ET6 huwa *unsafe and unsatisfactory*. Skond l-appellant dan id-dokument huwa difettuz ghal dik li hija l-identifikazzjoni tieghu ghax jiddikjara biss li huwa digriet moghti fil-konfront ta' persuna bl-isem ta' "Twanny Grima" minghajr identifikazzjoni ohra. L-appellant jghid li peress illi l-identifikazzjoni ta' l-akkuzat huwa pern essenzjali tal-

procedura tal-Qrati taghna, fil-prezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati jintalbu l-partikolaritajiet tieghu. "*Multo magis* meta ghandna imputazzjoni li tistrieh kollha kemm hi fuq id-dicitura ta' digriet tal-Qorti."

Id-digriet in kwistjoni huwa dak li jinsab esebit a fol. 41 tal-process. Bhalma josserva l-appellant, dan id-digriet, li huwa vera kopja ta' l-original, jidher li huwa digriet tal-helsien mill-arrest moghti lil certu Twanny Grima fis-17 ta' Gunju 2010. Id-digriet ma jikkontjenix partikolaritajiet li minnhom jista' jigi identifikat it-"Twanny Grima" msemmi fid-digriet, u cioe` jekk dak it-"Twanny Grima" huwiex l-istess Twanny Grima fil-proceduri odjerni. Dan ma jfissirx li ma tistax issir identifikazzjoni minn provi ohra.

L-ewwelnett f'dawn il-proceduri l-Ispettur Elton Taliana xehed illi huwa kien arresta lil Twanny Grima – l-appellant odjern – u ressqu l-Qorti fejn qed issir kumpilazzjoni quddiem il-Magistrat Antonio Micallef Trigona. Kompla jixhed li fis-17 ta' Gunju 2010 il-Magistrat Micallef Trigona akkordalu l-*bail* taht diversi kondizzjonijiet, "fosthom li ried jiffirma darbtejn fil-gimgha, it-Tnejn u l-Gimgha, bejn id-9.00 a.m. u d-9.00 p.m. u illi jkun gewwa r-residenza tieghu gewwa 'St. George's', Flat 1, Triq l-Isqof Pace, Paola, u ma johrogx qabel is-7.00 a.m. Fil-fatt dan kien tahomlu wkoll taht garanzija personali ta' hamest elef euro." Issa, id-digriet Dok. ET6 jirrizulta li nghata mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona fis-17 ta' Gunju 2010 fi proceduri kontra Twanny Grima fejn l-ufficjal prosekutur huwa l-Ispettur Elton Taliana. Skond il-hames kundizzjoni, l-imputat hemm imsemmi gie obbligat li jiffirma l-ghassa darbtejn fil-gimgha, u cioe` nhar ta' Tnejn u nhar ta' Gimgha bejn id-9.00 a.m. u d-9.00 p.m., filwaqt illi skond is-sitt kundizzjoni kellu jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mill-10.00 p.m. u ma johrogx qabel is-7.00 a.m. ta' l-ghada. Jigifieri dan id-digriet fih l-istess dettalji li bazikament jirrizultaw mix-xiehda li ta l-Ispettur Elton Taliana. Barra minn hekk, meta gie esebit id-digriet fl-4 ta' Ottubru 2010, gie verbalizzat hekk: "L-ufficjal prosekutur esebixxa digriet dwar il-helsien mill-arrest tal-imputat li gie mmarkat bhala Dok. ET6." Jigifieri l-ufficjal prosekutur kien qieghed jattesta li d-dokument minnu esebit kien id-

digriet tal-helsien mill-arrest moghti fil-konfront ta' l-imputat (issa appellant) Twanny Grima.

Aktar minn hekk, l-aqwa prova tinsab fl-istqarrija ta' l-appellant stess, id-Dok. ET3, mnejn jirrizulta li, ghall-mistoqsija jekk l-appellant jafx x'inhuma l-kundizzjonijiet li nghatawlu meta nghata l-helsien mill-arrest fis-17 ta' Gunju 2010, l-appellant wiegeb hekk: "Li niffirma darbtejn fil-gimgha l-ghassa ta' Rahal Gdid, u li nkun gewwa fl-10 p.m. fil-post tieghi ta' Rahal Gdid, li huwa Flt 2, Triq l-Isqof Pietru Pace, Paola."

Konsegwentement l-aggravju ta' l-appellant huwa michud.

L-appellant m'ghandu l-ebda aggravju dwar il-mertu. U effettivament, stabbilita l-ezistenza tad-digriet tas-17 ta' Gunju 2010 fil-konfront tieghu, mix-xiehda ta' l-Ispettur Elton Taliana u mill-ammissjoni ta' l-appellant stess fl-istqarrija tieghu, jirrizulta abbondantement li l-appellant kiser is-sitt kundizzjoni fl-imsemmi digriet li permezz tieghu kien marbut li jirrinkaza mhux aktar tard mill-10.00 p.m. B'hekk irrenda ruhu hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement ukoll irrenda ruhu hati ta' ksur ta' *probation* moghti lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-2 ta' Ottubru 2009.

Kwantu ghall-piena, ikkunsidrata l-piena applikabbli ghar-reat li dwaru kien tqighed taht *probation* a tenur ta' l-artikolu 281 tal-Kap. 9, u dik applikabbli a tenur ta' l-artikolu 579(2) imsemmi, din hi fil-parametri tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------